Qorti Ċivili, Prim'Awla

Imħallef Anthony Ellul

Rikors numru: 632/2022AE

Wara l-mandat ta' sekwestru 887/2022 fl-ismijiet:

**Western Company Limited (intimata)**

**Vs**

**Patrick Gatt u martu Christine Gatt (rikorrenti)**

ta' Awissu, 2022.

1. B'rikors preżentat fid-19 ta' Lulju 2022 li r-rikorrenti Gatt iddikjaraw li għamlu skont l-art 281 tal-Kap. 12, talbu lil din il-qorti sabiex:

   *"(a) tiddikjara null il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru 887/22; (b) u/jew tħassar u tirrevoka l-mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru 887/22 u kif ukoll l-effetti tal-ittra uffiċjali numru 2470/2021 it-tnejn fl-ismijiet premessi u dan stante li l-ammont dovut mill-esponenti skond il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 20 ta' Mejju 2020 tħallas permezz ta' ċedola numru 1971/2020 fl-ismijiet Elvin Galea et vs Western Company Limited u dan salv kull provvediment u dikjarazzxjoni ieħor xieraq u opportun"*.

2. It-talba tar-rikorrenti hi bażata fuq il-fatt li permezz ta' ċedola numru 1971/20 Elvin u Claudine Galea ddepożitaw is-somma ta' €31,210.81 biex teħodhom l-intimata in kwantu għal €29,800 somma dovuta mir-rikorrenti u l-bilanċ imgħax (mill-20 ta' Mejju 2020 sad-data tad-depożitu).

3. L-intimata wieġbet fit-2 ta' Awissu, 2022 u tat ir-raġunijiet għalfejn it-talba għandha tkun miċħuda.

4. Mill-atti jirriżulta:

   i. B'kuntratt tal-20 ta' Mejju 2020 ir-rikorrenti Gatt taw lill-intimata ipoteka speċjali fir-rigward tal-konċessjoni enfitewtika temporanja tat-territorju

magħruf bħala Misraħ Suffara, fil-limiti tar-Rabat, Malta. Dan bħala garanzija għall-kreditu ta' €29,800 u l-imgħax bir-rata ta' 8%.

ii. Fit-22 ta' Diċembru 2020 Elvin u Claudine Galea ddepożitaw fil-qorti s-somma ta' €31,210.81 sabiex jittieħdu mis-socjeta intimata. Ammont li kien dovut mir-rikorrenti Gatt skont kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tal-20 ta' Mejju 2020. Mill-atti jirriżulta li Galea xtraw mingħand ir-rikorrenti l-immobbli oġġett tal-ipoteka speċjali reġistrata favur il-kumpannija intimata.

iii. Fis-7 ta' Jannar 2021 l-intimata ppreżentat rikors li bih talbet l-iżbank tal-flus depożitati minn Elvin u Caludine Galea.

iv. B'digriet mogħti fil-15 ta' Frar 2021 il-qorti tat l-opportunita' lill-intimata sabiex tirreplika għat-tweġiba li ppreżentaw Galea għat-talba tal-iżbank tal-flus. Tweġiba li fiha argumentaw li qabel isir l-iżbank kellha tingħata prova tal-kanċellament tal-ipoteka speċjali. Madankollu l-intimata baqgħet ma ppreżentatx replika minkejja li ġiet notifikata bit-tweġiba.

v. B'digriet mogħti fl-4 ta' Mejju 2021 il-qorti laqgħet it-talba tal-intimata sabiex tiżbanka dik is-somma *".... wara li tiġi preżentata ukoll prova tal-kanċellament tal-ipoteka de quo"*.

vi. B'dikjarazzjoni notarili, l-intimata rriduċiet l-ipoeka speċjali fid-9 ta' Novembru 2021.

vii. Fit-8 ta' Lulju 2022 ir-rikorrenti talbet u ottjeniet il-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv għas-sorte ta' €29,800 u €4,888 imgħax.

viii. Jidher li l-flus baqgħu ma ttieħdux minħabba li l-intimata baqgħet ma ppreżentax in-nota ta' kanċellament. Il-qorti qed tifhem li l-flus għadhom depożitati l-qorti.

5. Għalkemm ir-rikors fih talba sabiex il-mandat ta' sekwestru jiġi dikjarat null, fih ukoll talba sabiex il-qorti tħassar il-mandat ta' sekwestru. F'dan il-każ mhemmx raġuni sabiex il-mandat jiġi dikjarat li hu null. Saret ukoll bla bżonn it-talba sabiex il-qorti tħassar l-effetti tal-ittra uffiċjali numru 2470/21. Talba li m'għandhiex x'taqsam matalba li ssir f'rikors li jsir taħt l-art. 281 tal-Kap. 12.

6. Għalkemm l-intimata ssostni li l-art. 281 tal-Kap. 12 japplika biss f'każ ta' irritwalita' tal-att eżekuttiv, il-qorti ma taqbilx. Il-liġi tipprovdi li att eżekuttiv jista' jitħassar sew għal kollox jew f'parti minnu, *"għal raġuni valida skont il-liġi"*.

7. Jekk kif qalet l-intimata l-mandat ta' sekwestru *"sar unikament sabiex jiġi assikurat illi dawn il-flus ma jiġux żbankati lura mid-depożitant"*, il-mandat ma kienx jinħareġ kontra r-rikorrenti Gatt imma kontra Elvin Galea u Claudine Galea li personalment iddepożitaw il-flus.

8. Mill-atti hu evidenti li l-intimata aċċettat li titħallas mid-depożitu tant hu hekk li fis-7 ta' Jannar 2021 ippreżentat rikors u talbet l-awtorizazzjoni tal-qorti sabiex tieħu s-somma ta' €31,210.81. Saħansitra, l-avukat li qiegħed jidher għaliha iffirma wkoll id-dokumenti rilevanti sabiex ir-Reġistratur jibgħat il-ħlas. Il-problema inqalgħet tort tal-intimata għaliex minflok ippreżentat nota ta' kanċellament tal-ipoteka speċjali kif ordnat il-qorti fid-digriet tal-4 ta' Mejju 2021, ippreżentat nota ta' riduzzjoni tal-ipoteka speċjali għal dak li jikkonċerna €31,210.81. Evidenti li l-intimata għandha pretensjoni oħra fir-rigward tal-art li fuqha hemm l-ipoteka speċjali u li m'għandhiex x'taqsam mal-kreditu. Min-nota għall-iskrizzjoni tal-ipoteka speċjali (7844/20) jirriżulta li l-garanzija ingħatat <u>biss</u> għall-ħlas ta' €29,800 u imgħax, u xejn iktar. L-istess jirriżulta mid-dikjarazzjoni notarili li għamlet l-intimata li biha ddikjarat li qiegħda tirriduċi l-ipoteka speċjali. Għalhekk kwalsiasi dritt ieħor li jista' għandha l-intimata fir-rigward tal-art oġġett tal-ipoteka speċjali, mhuwiex garantit bl-ipoteka speċjali 7844 tat-28 ta' Mejju 2020.

9. Inoltre, għalkemm fit-tweġiba l-intimata qalet li l-ipoteka tneħħiet, il-provi juru l-kuntrarju.

10. Fiċ-ċirkostanzi l-qorti tqis li t-talba għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru hi altru milli ġustifikata. Dan id-dewmien kollu fl-iżbank tal-flus depożitati minn Elvin u Claudine Galea sabiex jitħallas il-kreditu li l-intimata għandha fil-konfront tar-rikorrenti Gatt, hu biss minħabba li l-intimata ma kkanċellatx l-ipoteka speċjali. L-intimata kienet aċċettat id-depożitu tant li talbet l-iżbank tal-flus u ħadet ħsieb li jsir l-inkartament li hemm bżonn biex ir-Reġistratur jirrilaxxa l-flus. Mhemm l-

ebda raġuni għalfejn għandu jibqa' fis-seħħ il-mandat ta' sekwestru 887/2022 meta l-flus ilhom depożitati fil-qorti sa mit-22 ta' Diċembru 2020 u b'digriet tal-4 ta' Mejju 2021 il-qorti awtorizzat l-iżbank favur il-kumpannija intimata. Kull ma trid tagħmel l-intimata hu li tippreżenta n-nota ta' kanċellament u xejn iktar, skont id-digriet tal-4 ta' Mejju 2021. Digriet li ma ġiex kontestat.

Għal dawn il-motivi:

i. Tiċħad it-talba tar-rikorrenti sabiex tiddikjara null il-mandat ta' sekwestru 887/2022.
ii. Tilqa' t-tieni talba limitatament fis-sens li tħassar il-mandat ta' sekwestru numru 887/2022 fl-ismijiet Western Company Limited vs Patrick Gatt li nħareġ fit-8 ta' Lulju 2022.

Spejjeż a karigu tal-kumpannija intimata.

Anthony Ellul.